IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.1.2021
COM(2021) 29 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U LILL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

dwar l-iżviluppi fis-suq tal-UE fis-servizzi tal-awditjar statutorju lil entitajiet ta' interess pubbliku skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 537/2014

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U LILL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

dwar l-iżviluppi fis-suq tal-UE fis-servizzi tal-awditjar statutorju lil entitajiet ta' interess pubbliku skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 537/2014

1. INTRODUZZJONI

Il-leġiżlazzjoni dwar l-awditjar adottata wara l-kriżi finanzjarja kellha l-għan li ttejjeb l-awditi statutorji fl-UE billi ssaħħaħ l-indipendenza tal-awdituri u x-xettiċiżmu professjonali tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni tal-kumpanija awditjata. Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 537/2014[1] ("ir-Regolament"), dan ir-rapport jivvaluta l-iżviluppi fis-suq tal-UE għat-twettiq ta' awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku bejn l-2015 u l-2018, b'enfasi fuq:

- il-konċentrazzjonijiet tas-suq;
- ir-riskji li jirriżultaw minn nuqqasijiet fil-kwalità tal-awditjar; kif ukoll
- il-prestazzjoni ta' kumitati tal-awditjar;

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, ir-rapporti mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza tal-awditjar (l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti) huma s-sors ewlieni tad-*data*. Ir-rapport jirreferi l-aktar għall-2017 u l-2018 u nġabar fl-2019 fuq il-bażi ta' indikaturi tas-suq magħżula. Għalhekk jinkludi *data* mir-Renju Unit. Il-Kummissjoni ħejjiet ir-rapport f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar (Committee of European Auditing Oversight Bodies, CEAOB).

Dan huwa l-ewwel rapport ta' dan it-tip minn meta saret ir-riforma tal-awditjar tal-UE (ara hawn fuq). B'mod ġenerali, id-*data* kienet aktar preċiża milli fl-2017. Madankollu, il-konsolidazzjoni tad-*data* fil-livell tal-UE għadha diffiċli, minħabba nuqqas ta' *data* nazzjonali dwar il-fatturat u d-dħul, perjodi differenti ta' rappurtar u differenzi fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-awditjar. Barra minn hekk, il-komparabbiltà fil-qasam tal-indikaturi tal-garanzija tal-kwalità għadha diffiċli, minħabba li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jużaw metodoloġiji differenti.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77).

2. L-IŻVILUPPI FIS-SUQ TAL-UE GĦALL-AWDITJAR STATUTORJU TA' ENTITAJIET TA' INTERESS PUBBLIKU

2.1. Ħarsa ġenerali lejn is-suq

Ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għal awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku li d-definizzjoni tagħhom hija mogħtija fid-Direttiva tal-awditjar[2] bħal kumpaniji elenkati, banek, impriżi tal-assigurazzjoni u "entitajiet ta' interess pubbliku nazzjonali" maħtura mill-Istati Membri (eż. impriżi li huma ta' rilevanza pubblika sinifikanti minħabba n-natura tan-negozju tagħhom, id-daqs tagħhom jew kemm għandhom impjegati).

Din it-taqsima tiddeskrivi s-suq tal-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku sentejn wara r-riforma tal-awditjar.

Inqas awdituri statutorji u d-ditti tal-awditjar fl-UE; inqas għażla għall-entitajiet ta' interess pubbliku.

Iċ-ċifri juru tnaqqis minn 2015 fl-għadd ta' awdituri ta' kontijiet individwali tal-UE, inkluż tnaqqis żgħir fl-għadd ta' awdituri statutorji impjegati minn ditti tal-awditjar u assoċjati magħhom (bħala sħab jew mod ieħor)[3]. L-għadd ta' ditti tal-awditjar irreġistrati fl-UE naqas ukoll, b'6 %. Il-proporzjon ta' ditti tal-awditjar li jawditjaw entitajiet ta' interess pubbliku huwa qrib l-4 % tad-ditti tal-awditjar irreġistrati kollha, kważi żewġ punti perċentwali inqas mill-2015.

Tabella 1: Awdituri statutorji u ditti tal-awditjar irreġistrati fl-UE (2015-2018)

	2015	2018	Change
Awdituri statutorji	250 047	225 360	-10%
Awdituri statutorji impjegati mad-ditta tal-awditjar jew assoċjati magħha bħala sħab jew mod ieħor	61 711	60 005	-3%
Ditti tal-awditjar	32 306	30 504	-6%
Ditti tal-awditjar li jawditjaw entitajiet ta' interess pubbliku	1 742	1 127	-35%

Dan it-tnaqqis fl-għadd ta' awdituri statutorji u ditti tal-awditjar irreġistrati kkoinċida ma' tnaqqis fl-għadd ta' entitajiet ta' interess pubbliku, iffaċilitat l-aktar minn tnaqqis fl-għadd ta' "entitajiet ta' interess pubbliku nazzjonali" peress li ħafna mill-Istati Membri rrevedew id-definizzjoni tagħhom ta' dan il-kunċett.


L-għadd ta'awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku naqas ukoll, b'madwar terz[4], fl-2015-2018 (Figura 1). Il-kumpaniji elenkati kienu l-akbar tip ta' entitajiet ta' interess pubbliku madwar l-UE fl-2018, li jirrappreżentaw 44 % tat-total. Il-

[2] fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva 2006/43/KE:
[3] Iċ-ċifri huma għal 26 Stat Membru (l-ebda *data* mill-Awstrija jew Franza (2015)).
[4] Is-sena ta' referenza hija l-2018 (*data* għall-EU-28).

piżijiet relattivi tal-kategoriji ta' entitajiet ta' interess pubbliku[5] jvarjaw skont l-Istat Membru, iżda l-aktar bidla sinifikanti kienet tnaqqis ta' 73 punt perċentwali fil-kategorija "entitajiet ta' interess pubbliku nazzjonali", li kienet l-akbar fl-2015 iżda rrappreżentat biss 19 % tal-entitajiet ta' interess pubbliku kollha fl-2018.

L-awditi konġunti ta' entitajiet ta' interess pubbliku jirrappreżentaw biss 9 % tal-awditi statutorji tal-entitajiet ta' interess pubbliku. Mill-għaxar Stat Membru li rrapportaw awditi konġunti[6], Franza reġgħet kellha l-aktar (86 % tat-total tal-EU-28).

Figura 1: Entitajiet ta' interess pubbliku u awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku, EU-28 (2015-2018)



Il-fatturat tal-UE ta' ditti tal-awditjar li awditjaw entitajiet ta' interess pubbliku[7] żdied b'madwar 9 %[8] fl-2015-2018, filwaqt li x-xogħol mhux relatat mal-awditjar kien jifforma l-parti l-kbira tad-dħul tad-ditti kbar tal-awditjar.

Il-fatturat tal-EU-27[9] tad-ditti tal-awditjar li awditjaw entitajiet ta' interess pubbliku kien ta' madwar EUR 34 biljun[10] fl-2018. Id-*data* għall-għaxar ditti ewlenin tal-awditjar

---

5 Iċ-ċifri tal-2015 kienu bbażati fuq id-definizzjoni ta' "entitajiet ta' interess pubbliku" qabel ir-riforma tal-awditjar.

6 L-Awstrija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, Malta, ir-Rumanija, l-Iżvezja u r-Renju Unit. Il-biċċa l-kbira rrapportaw li l-awditi konġunti kienu jammontaw għal inqas minn 1 % tal-awditi statutorji tagħhom.

7 L-indikaturi tal-fatturat fl-ewwel rapport kienu bbażati fuq il-leġiżlazzjoni tal-awditjar preċedenti tal-UE. F'dan ir-rapport, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jsegwu d-definizzjoni u r-rekwiżiti fl-Artikolu 13(2)(k) tar-Regolament, li ġie implimentat fl-2016. Għall-fini ta' dan ir-rapport, inqabblu "dħul mill-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku" (2018) ma' "tariffi mill-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku" (2015).

8 L-użu ta' *data* komparabbli mill-Istati Membri. Id-*data* għall-2015 tirreferi għal 25 Stat Membru (l-ebda *data* mill-Bulgarija, Spanja jew Franza); id-*data* għall-2018 tirreferi għal 27 Stat Membru (l-ebda *data* minn Franza). *Data* mhux aġġustata għall-inflazzjoni. Bħala medja, l-inflazzjoni tal-EU-28 (HICP) kienet ta' 0.1 % fl-2015 u 1.9 % fl-2018; ara s-sit web tal-Eurostat: https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-datasets/product?code=tec00118

(10KAP[11]) tappoġġa stima tal-fatturat tal-EU-28 ta' madwar EUR 40 biljun. Id-dħul mill-awditi statutorji[12] żdied b'6 %[13] għal kważi EUR 12,7-il biljun, li 25 % minnhom kienu mill-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku.

Iċ-ċifri tal-fatturat skont l-Istat Membru jvarjaw ħafna, u l-Ġermanja u r-Renju Unit għadhom l-akbar żewġ swieq (65 % tal-fatturat tal-UE tad-ditti tal-awditjar)[14].

Madwar żewġ terzi tal-fatturat tal-UE tad-ditti tal-awditjar li awditjaw entitajiet ta' interess pubbliku, irrappurtat skont id-ditta jew fil-livell tan-network, oriġinaw minn dħul minn servizz mhux tal-awditjar (minn servizzi mhux tal-awditjar permessi lill-entitajiet awditjati u servizzi mhux tal-awditjar lil entitajiet oħra[15]), li juri diversifikazzjoni tan-negozju u fokus lil hinn mix-xogħol tradizzjonali tal-awditjar.

Mill-fatturat totali tal-UE 9% biss kienu minn dħul mill-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku; 35 % kienu mis-servizzi kollha tal-awditjar statutorju (Figura 2). Madankollu, dan ivarja minn Stat Membru għal ieħor; f'seba' Stati Membri[16], inqas minn terz tad-dħul kien minn awditi statutorji.

Figura 2: Diżaggregazzjoni tad-dħul mill-fatturat tal-UE tad-ditti tal-awditjar li awditjaw entitajiet ta' interess pubbliku[17] (2018)

---

9 L-ebda *data* minn Franza għad-"dħul minn servizzi mhux tal-awditjar" jew il-"fatturat totali".

10 Id-*data* miġbura f'muniti nazzjonali ġiet ikkonvertita f'euro bl-użu tar-rati tal-kambju medji annwali tal-2018. Sors Eurostat: http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=ert_bil_eur_a&lang=en

11 Abbażi tal-lista identifikata mis-CEAOB: Baker Tilly, BDO, EY, Deloitte, Grant Thornton, KPMG, Mazars, Moore Stephens, Nexia u PwC.

12 L-Artikolu 13(2)(k)(i) u (ii) tar-Regolament. *Data* għal 27 Stat Membru (l-ebda *data* mill-Bulgarija għal "dħul minn awditi statutorji").


13 Għall-Istati Membri li pprovdew *data* kemm fl-2015 kif ukoll fl-2018.

14 *Data* għal 27 Stat Membru (l-ebda *data* minn Franza).

15 L-Artikolu 13(2)(k) (iii) u (iv) tar-Regolament.

16 Ċipru, id-Danimarka, l-Irlanda, ir-Renju Unit, Malta, l-Iżvezja u l-Lussemburgu.

17 L-ebda *data* minn Franza, il-Belġju, Spanja jew il-Litwanja.



Erba' awtoritajiet nazzjonali kompetenti[18] min-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni rrapportaw li kienu wettqu inkjesta settorjali fis-suq tal-awditjar jew attività antitrust jew ta' fużjoni fis-settur fl-2015-2018. Ir-Renju Unit irrapporta dwar studju rigward is-suq tal-awditjar statutorju nazzjonali tiegħu[19].

2.2. Il-konċentrazzjonijiet tas-suq

L-Istati Membri pprovdew *data* tas-suq[20] għall-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku mill-"Big Four" (PwC, Deloitte, KPMG u EY), "CR4" (l-akbar erba' ditti tal-awditjar f'kull pajjiż) u 10KAP.

Konċentrazzjoni tas-suq persistentement għolja mill-2015 sal-2018. B'mod ġenerali, il-Big Four baqgħu l-akbar ditti tal-awditjar, iżda l-bidliet fl-ishma individwali tagħhom huma viżibbli[21]. Hemm ukoll sinjali ta' konċentrazzjoni ogħla fl-10KAP milli fir-rapport preċedenti[22].

---

18 L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti Taljani, Rumeni, Spanjoli u tar-Renju Unit.

19 https://assets.publishing.service.gov.uk/media/5d03667d40f0b609ad3158c3/audit_final_report_02.pdf


20 Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bbażaw il-fatturat fuq ditti tal-awditjar (kif definit fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2006/43/KE) għall-kuntrarju tan-network tal-awditjar (kif definit fl-Artikolu 2(7)). Id-*data* ppreżentata hija approssimattiva minħabba perjodi ta' referenza differenti.

21 Ara wkoll l-istudju tal-Parlament Ewropew, *EU statutory audit reform: impact on costs, concentration and competition*; https://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=IPOL_STU(2019)631057

22 https://ec.europa.eu/info/publications/170907-statutory-audit-services-report_en


Il-Big Four għandhom oligopolju[23] fi 13-il Stat Membru (żieda minn 11 fl-2015) u sehem medju tas-suq tal-UE ta' 70 % tal-awditi statutorji kollha ta' entitajiet ta' interess pubbliku. F'seba' Stati Membri biss mhumiex l-akbar erba' ditti tal-awditjar (Figura 3).

Figura 3: Is-sehem mis-suq tad-ditti tal-awditjar fl-għadd ta' awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku (2018)



Il-Big Four huma saħansitra aktar dominanti f'termini ta' dħul mill-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku (Figura 4). Fost l-Istati Membri li fihom kellhom sehem mis-suq aggregat taħt il-medja tal-UE, Franza[24] rrapportat li 60 % tal-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku kollha kienu awditi konġunti.

Figura 4: % tal-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku, % tad-dħul mill-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku u % tad-dħul mill-awditi ta' entitajiet oħra, skont l-Istat Membru (2018)[25]



[23] CR4 = 0% tfisser kompetizzjoni perfetta;; 0%<CR4<50% tvarja minn kompetizzjoni perfetta għal oligopolju; 50%<CR4<80% tfisser oligopolju; 80%<CR4<100% tvarja minn oligopolju konċentrat għal monopolju; CR4= 100% tfisser oligopolju konċentrat ħafna u anke monopolju (jekk CR1=100%).


[24] Franza hija l-Istat Membru bl-akbar proporzjon ta' awditi konġunti (meta mqabbel mal-għadd totali ta' awditi statutorji). L-Estonja għandha t-tieni l-akbar proporzjon (33 %) u l-Bulgarija t-tielet (19 %). L-Istati Membri l-oħra li rrapportaw awditi konġunti kellhom proporzjonijiet ta' madwar 1-3 %.

[25] L-ebda *data* mil-Litwanja, Spanja jew ir-Rumanija għas-sehem mis-suq tal-Big Four. *Data* mill-Portugall mhux ipproċessata għal raġunijiet tekniċi u jeħtieġ li tiġi aġġornata fir-rapport li jmiss.

Il-Big Four għadhom jiddominaw is-suq tal-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku

Il-livell ta' konċentrazzjoni aggregata tal-UE tal-Big Four[26] fl-għadd ta' awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku naqas b'madwar tliet punti perċentwali, b'Deloitte tesperjenza tnaqqis ta' kważi disa' punti perċentwali. Il-Big Four kellhom madwar 66 % tas-suq aggregat tal-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku fl-2018 (Figura 5). F'termini tal-fatturat totali tad-ditti tal-awditjar[27], dawn ammontaw għal madwar 80 % tat-total tal-UE.

Figura 5: Is-sehem mis-suq tal-10KAP[28] tal-għadd ta' awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku (2018)




Il-Big Four jiddominaw is-suq tal-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku, b'aktar minn 90 % tad-dħul totali.

Fis-suq tal-awditi statutorji ta' entitajiet oħra, il-Big Four għandhom sehem ta' kważi 70 %. Huma għandhom ukoll sehem mis-suq aggregat ta' madwar 85 % f'segmenti mhux relatati max-xogħol tal-awditjar (ippermettew lil ċerti servizzi mhux tal-awditjar lil entitajiet awditjati u servizzi mhux tal-awditjar lil entitajiet oħra) (Figura 6).

Figura 6: L-ishma mis-suq tal-UE tad-ditti tal-awditjar li awditjaw entitajiet ta' interess pubbliku f'kull segment tas-suq, dħul (2018)

[26] *Data* minn 25 Stat Membru (l-ebda *data* minn Spanja, Franza jew ir-Rumanija).
[27] Kif definit fl-Artikolu 13(2)(k) tar-Regolament.
[28] Abbażi ta' totali skont l-Istat Membru mogħtija fir-rapporti nazzjonali u l-analiżi tas-sottogrupp tal-monitoraġġ tas-suq.



Il-Big Four jew in-network tagħhom[29] jiksbu proporzjon sinifikanti (madwar 70 %) tad-dħul għal servizzi mhux tal-awditjar[30] minn klijenti tal-awditjar u mhux tal-awditjar; is-sitwazzjoni tvarja minn Stat Membru għal ieħor.

L-istruttura stmata tad-dħul tal-UE turi li l-Big Four jiġġeneraw kważi 30 %[31] tad-dħul tagħhom minn prattiki tal-awditjar u perċentwal għoli (qrib is-60 %) minn xogħol mhux tal-awditjar, b'mod partikolari servizzi mhux tal-awditjar lil entitajiet oħra.

2.3. Riskji li jirriżultaw minn nuqqasijiet fil-kwalità

Il-biċċa l-kbira tar-rapportar tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar il-garanzija tal-kwalità kien relatat maċ-ċikli ta' spezzjoni ta' sena, li twettaq l-aktar fl-2018 iżda b'dati differenti ta' bidu u tmiem. Seba' awtoritajiet nazzjonali kompetenti rrapportaw *data* li tirreferi għal ċikli ta' spezzjoni ta' tliet snin. Għall-fini ta' dan ir-rapport, qed nużaw id-definizzjoni tal-konstatazzjonijiet tas-CEAOB, li taqbel ma' dik tal-Forum Internazzjonali tar-Regolaturi Indipendenti tal-Awditjar (International Forum of Independent Audit Regulators, IFIAR)[32]. Minħabba l-ħtieġa li jitħaddem ġudizzju professjonali fl-interpretazzjoni ta' kif l-Istati Membri jikkategorizzaw id-*data* dwar in-nuqqasijiet fil-kwalità, huwa diffiċli li l-informazzjoni tiġi aggregata u li jinsiltu konklużjonijiet ġenerali fil-livell tal-UE.

L-għadd ta' fajls tal-awditjar ta' entitajiet ta' interess pubbliku spezzjonati naqas b'25 %, flimkien ma' tnaqqis ta' 35 % fl-għadd ta' awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku (minħabba bidliet fid-definizzjoni tal-Istati Membri ta' "entitajiet ta' interess pubbliku"). Minkejja li saru inqas spezzjonijiet tal-inkarigu tal-awditjar ta' entitajiet ta'

---

29 Xi Stati Membri rrapportaw dħul abbażi ta' ditta tal-awditjar; oħrajn irrappurtaw dħul fil-livell tan-netwerk.

30 Xi awtoritajiet ta' sorveljanza tal-awditjar rrapportaw diffikultà biex ikejlu s-servizzi mhux tal-awditjar lil entitajiet oħra, peress li dawn huma servizzi barra mid-ditta tal-awditjar.

31 *Data* minn 24 Stat Membru (*data* parzjalment nieqsa għall-Belġju, Franza u l-Litwanja). *Data* mill-Portugall mhux ipproċessata għal raġunijiet tekniċi.

32 Skont l-IFIAR , il-konstatazzjonijiet tal-ispezzjoni għall-awditi ta' entitajiet ta' interess pubbliku huma nuqqasijiet fil-proċeduri tal-awditjar li jindikaw li d-ditta tal-awditjar ma kisbitx biżżejjed evidenza xierqa għall-awditjar biex issostni l-opinjoni tagħha, iżda mhux neċessarjament timplika li dawn ir-rapporti finanzjarji huma wkoll dikjarazzjoni skorretta materjali.

interess pubbliku, jidher li kien hemm aktar enfasi fuq inkarigi tal-awditjar ta' entitajiet ta' interess pubbliku meta mqabbla mal-popolazzjoni sħiħa tal-ispezzjoni tal-awditjar fl-2015-2018.

It-taqsima dwar il-valutazzjoni kwalitattiva hawn taħt hija bbażata fuq *data* minn rapporti nazzjonali ta' monitoraġġ tas-suq u analiżi tas-CEAOB[33]. Dan ikopri żewġ oqsma ewlenin:

- nuqqasijiet; kif ukoll
- il-mitigazzjoni u l-analiżi tar-riskju sistemiku.

L-aktar kwistjonijiet frekwenti enfasizzati (bħal fl-2017) huma nuqqasijiet fis-sistemi interni ta' kontroll tal-kwalità tad-ditti tal-awditjar (eż. nuqqas ta' evidenza u dokumentazzjoni għall-awditjar li tkun suffiċjenti). Is-superviżuri tal-awditjar se jkomplu jiffukaw fuq dawn.

Il-konstatazzjonijiet komuni ewlenin fir-rigward tas-**sistemi interni ta' kontroll tal-kwalità** jirrigwardaw:

- l-etika u l-indipendenza tal-persunal tal-awditur statutorju jew tad-ditta tal-awditjar statutorju[34];
- eżami tal-kontroll tal-kwalità tal-inkarigu[35];
- nuqqas ta' monitoraġġ jew monitoraġġ mhux xieraq ta' entitajiet awditjati b'riskju għoli; kif ukoll
- nuqqas ta' evidenza għall-awditjar u dokumentazzjoni tal-awditjar.

Fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-**fajls tal-inkarigu tal-awditjar ta' entitajiet ta' interess pubbliku**, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti identifikaw konstatazzjonijiet komuni fl-oqsma ewlenin li ġejjin:

- il-valutazzjoni tar-riskju;[36];
- il-materjalità u l-kampjunar[37];
- il-verifika tal-kontroll intern[38];
- il-kwalità u l-evidenza tal-awditjar; kif ukoll

---

[33] L-analiżi tas-CEAOB hija bbażata fuq il-konstatazzjonijiet tal-ispezzjoni tal-awditjar, kif irrappurtat mill-Istati Membri fl-2017/2018, fil-bażi tad-*data* ġestita mis-Sottogrupp ta' Spezzjoni tas-CEAOB. Hija analizzat il-bażi tad-*data* biex tidentifika temi li jiffaċilitaw id-djalogu bejn id-ditti tal-awditjar / dawk li jistabbilixxu l-istandards u s-CEAOB u biex twissi lill-ispetturi dwar oqsma ta' riskju għoli. L-analiżi ffokat fuq l-inċidenza tal-konstatazzjonijiet mill-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar, il-kontroll tal-kwalità u l-etika.

[34] eż. valutazzjoni u approvazzjoni mhux xierqa tas-servizz mhux tal-awditjar u l-verifika mhux adatta tal-indipendenza tal-persunal.

[35] eż. nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti legali ewlenin, dokumentazzjoni mhux xierqa tar-rieżami, eżami tal-kontroll tal-kwalità tal-inkarigu ineffettiv u selezzjoni mhux xierqa tal-persunal li jwettaq l-eżami tal-kontroll tal-kwalità tal-inkarigu.

[36] Eż. fehim insuffiċjenti tal-entità awditjata u l-ambjent tagħha, fehim insuffiċjenti tal-valutazzjoni tar-riskju u l-proċess tal-identifikazzjoni tal-maniġment.

[37] Eż. nuqqasijiet fil-metodu użat għad-determinazzjoni tal-livell ta' materjalità, nuqqas ta' ġustifikazzjoni xierqa għall-għażla tad-daqs tal-kampjun.

[38] Eż. dokumentazzjoni mhux xierqa ta' kontrolli interni ewlenin, verifika insuffiċjenti dwar l-IT u kontrolli interni oħra.

- l-awditi tal-gruppi.

Dan jaqbel mal-ħames standards internazzjonali tal-awditjar, li, skont l-analiżi tas-CEAOB jikkonċernaw il-parti l-kbira tal-konstatazzjonijiet (aktar minn 60 % tal-konstatazzjonijiet kollha tal-awditjar minn 22 awtorità nazzjonali kompetenti fil-bażi tad-*data* tas-CEAOB):

- it-tweġibiet tal-awditur għar-riskji vvalutati (ISA 330)[39];
- evidenza għall-awditjar (ISA 500)[40];
- l-awditjar tal-istimi kontabilistiċi, inklużi l-istimi ta' kontabilità abbażi tal-valur ġust, u d-divulgazzjonijiet relatati (ISA 540)[41];
- l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali permezz tal-fehim tal-entità u l-ambjent tagħha (ISA 315)[42]; kif ukoll
- kunsiderazzjonijiet speċjali — awditi tar-rapporti finanzjarji tal-grupp, inkluż ix-xogħol tal-awdituri komponenti (ISA 600)[43].

Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti daħħlu fis-seħħ miżuri ta' mitigazzjoni u rimedji biex jindirizzaw il-konstatazzjonijiet identifikati. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-korpi ta' sorveljanza tal-awditjar ma rrapportawx li qed tiġi applikata xi sanzjoni b'riżultat tal-konstatazzjonijiet u lanqas ma rraportaw xi riskju sistemiku. B'mod ġenerali, il-konstatazzjonijiet u s-sanzjonijiet ma japplikawx għall-istess perjodu ta' rapportar (l-investigazzjoni u l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet jieħdu ftit taż-żmien).

Terz tal-Istati Membri ma pprovdew l-ebda informazzjoni fir-rigward ta' konstatazzjonijiet rikorrenti (jiġifieri l-istess konstatazzjonijiet identifikati fl-istess ditti tal-awditjar f'ċikli ta' spezzjoni preċedenti) jew iddikjaraw li ma kienx hemm.

L-aktar oqsma komuni rrapportati għall-**mitigazzjoni u l-analiżi tar-riskju** kienu:

- l-etika u l-indipendenza;
- il-valutazzjoni tar-riskju u l-eżami tal-kontroll tal-kwalità tal-inkarigu;

---

[39] Eż. in-nuqqas li jitfasslu u jitwettqu proċeduri tal-awditjar xierqa biex jiġi indirizzat ir-riskju fil-livell ta' asserzjoni bħar-rikonoxximent, il-kejl u l-preżentazzjoni xierqa tat-tranżazzjonijiet, il-bilanċi tal-kontijiet u d-divulgazzjonijiet. Konstatazzjonijiet relatati ma' nuqqas ta' twettiq ta' proċeduri tal-awditjar suffiċjenti biex tintlaħaq konklużjoni dwar l-effettività tal-kontrolli verifikati u n-nuqqas ta' verifika adegwata tad-dħul rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji.

[40] Eż. l-informatika għadha qasam ta' tħassib, peress li l-awdituri naqsu milli jivverifikaw b'mod adegwat is-sistemi tal-IT użati mill-entità biex tħejji l-informazzjoni finanzjarja u biex tikseb biżżejjed evidenza għall-awditjar dwar il-preċiżjoni u l-kompletezza tal-informazzjoni prodotta mill-entità u użata għall-finijiet tal-awdituri.

[41] Eż. in-nuqqas li jiġu kkontestati b'mod adegwat il-mudelli ta' valwazzjoni tal-maniġment (inklużi l-inputs) u r-raġonevolezza tal-assunzjonijiet ewlenin użati għall-produzzjoni tal-istimi; in-nuqqas li jiġu identifikati divulgazzjonijiet inadegwati jew mhux kompleti tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

[42] Eż. nuqqas tal-awditur li jikseb fehim adegwat tal-entità u tal-ambjent tagħha; nuqqas li jiġu identifikati u vvalutati b'mod adegwat ir-riskji sinifikanti ewlenin.

[43] Eż. struzzjonijiet mhux kompluti mogħtija lill-awditur tal-komponenti; nuqqas ta' diskussjoni mal-awdituri tal-komponenti dwar ix-xogħol ippjanat jew imwettaq; awdituri komponenti li ma jipprovdux biżżejjed dettall meta jirrapportaw lura lill-awditur tal-grupp; in-nuqqas tal-awditur tal-grupp li jevalwa x-xogħol imwettaq mill-awditur tal-komponenti u li jqis il-konstatazzjonijiet irrappurtati mill-awdituri tal-komponenti.

- l-analiżi tas-sistema ta' kontroll intern u l-eżami tal-kontroll tal-kwalità tal-inkarigu; kif ukoll
- il-kejl tal-valur ġust u l-proċeduri ta' frodi.

Il-pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju u l-analiżi tal-kawżi ewlenin huma fost l-aktar miżuri komuni ta' segwitu. Mhux il-konstatazzjonijiet kollha se jeħtieġu sanzjonijiet u 60 % tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti qalu li ma kienu imponew l-ebda sanzjoni. Xi korpi ta' sorveljanza tal-awditjar għamlu rakkomandazzjonijiet lid-ditti tal-awditjar, bi skadenzi għall-implimentazzjoni.

Għad hemm differenzi fil-livell u fil-kejl tar-**riskju sistemiku**[44]. Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma identifikaw l-ebda riskju sistemiku. Erba' minnhom irrapportaw nuqqasijiet sistemiċi fil-livell nazzjonali, iżda indikaw li l-konstatazzjonijiet ma setgħux, flimkien, iwasslu biex ditta tal-awditjar tagħlaq. L-analiżi tas-CEAOB irrappurtat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiddjalogaw mad-ditti tal-awditjar u jinterpellawhom permezz tal-interazzjoni f'kulleġġi regolatorji u laqgħat fis-sessjonijiet plenarji tas-Sottogrupp dwar l-Ispezzjonijiet.

2.4. Prestazzjoni tal-kumitati tal-awditjar

Id-*data *disponibbli ma tippermettix valutazzjoni ġenerali tal-prestazzjoni tal-kumitati tal-awditjar, minħabba l-approċċi differenti għall-monitoraġġ tal-kumitati tal-awditjar madwar l-Istati Membri u l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-informazzjoni hija bbażata fuq l-awtovalutazzjoni tal-kumitati tal-awditjar. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għamlu progress fil-ġbir tal-informazzjoni u fit-twaqqif ta' relazzjoni mal-kumitati tal-awditjar.

L-Artikolu 39 tad-Direttiva dwar l-Awditja[45]r jeżiġi li l-kumpaniji jistabbilixxu kumitati tal-awditjar (li minnhom hemm madwar 6400[46]) u l-Artikolu 27(1)(c) tar-Regolament jeżiġi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jimmonitorjaw il-prestazzjoni tal-kumitati tal-awditjar. Il-kumitati tal-awditjar huma kkostitwiti l-aktar bħala kumitat awtonomu jew kumitat ta' korp superviżorju/amministrattiv u għandhom rwol ċentrali fil-mudell ta' governanza korporattiva, b'mod partikolari għal entitajiet ta' interess pubbliku kbar. Huma jinteraġixxu ma' diversi atturi, internament (eż. korpi maniġerjali, superviżorji/amministrattivi) u esternament (eż. awdituri esterni, azzjonisti u regolaturi).

Il-korpi ta' sorveljanza kisbu informazzjoni mill-kumitati tal-awditjar permezz ta' toroq varji. Pereżempju, kwestjonarju mmirat tas-CEAOB[47] intbagħat lil kampjun ta' kumitati tal-awditjar madwar l-Istati Membri. Madankollu, peress li dan involva l-

[44] L-Artikolu 27(1)(a) tar-Regolament jirreferi għal riskji li jirriżultaw minn inċidenza għolja ta' nuqqasijiet kwalitattivi ta' awditur statutorju jew ta' ditta tal-awditjar, inklużi defiċjenzi sistemiċi fin-network tal-awditjar.

[45] Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87);

[46] *Data* minn 19-il Stat Membru. Mill-bqija tal-Istati Membri, ħamsa ma għandhom l-ebda sorveljanza diretta u erbgħa ma pprovdewx *data*.

[47] L-għan tal-kwestjonarju kien li jivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar l-awditjar u jistabbilixxi relazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-kumitati tal-awditjar; 25 Stat Membru (l-eċċezzjonijiet kienu l-Estonja, l-Ungerija u s-Slovakkja) inkludew it-tweġibiet konsolidati tagħhom fir-rapporti nazzjonali tagħhom. B'kollox, 2 770 kumitat tal-awditjar minn 26 Stat Membru rċevew il-kwestjonarju u r-rata ta' tweġibiet kienet ta' madwar 60 %.

awtovalutazzjoni tal-kumitati tal-awditjar, għandu limitazzjonijiet fl-interpretazzjoni tad-*data*.

Il-kumitati tal-awditjar huma soġġetti għal sorveljanza mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'21 Stat Membru.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tispeċifikax il-kompiti ta' sorveljanza tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-konfront tal-kumitati tal-awditjar. Hemm varjazzjonijiet kbar bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' liema awtorità hija responsabbli għas-superviżjoni ta' dawn il-kumitati u l-interazzjoni magħhom. Ħafna drabi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jaqsmu r-responsabbiltà mal-awtorità superviżorja finanzjarja nazzjonali.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jinvolvu ruħhom b'modi differenti mal-kumitati tal-awditjar fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Il-biċċa l-kbira jagħmlu dan prinċipalment permezz ta' stħarriġ/kwestjonarji, djalogi u sessjonijiet ta' ħidma, webinars u konferenzi.

Il-kwestjonarju tas-CEAOB[48] ***wera li hemm bżonn isir aktar monitoraġġ tal-interazzjonijiet tal-kumitati tal-awditjar mal-awdituri esterni, tal-organizzazzjoni tal-proċessi tal-offerti, tal-approvazzjoni tal-forniment ta' servizzi mhux tal-awditjar permessi, u tar-reġistrazzjoni tat-tariffi mħallsa.***

Ir-rispons jindika konformità mar-rekwiżiti ewlenin għall-kompożizzjoni u l-ħiliet tal-kumitati tal-awditjar[49], l-indipendenza u l-interazzjoni tagħhom mal-korp amministrattiv/superviżorju, u s-sorveljanza tal-funzjoni tal-awditjar.

Madankollu, ir-riżultati juru li l-proċess tal-għażla għal offerti tal-awditjar huwa diffiċli għall-kumitati tal-awditjar – it-tweġibiet dwar dan is-suġġett jindikaw nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-awditjar jew nuqqas ta' fehim dwar kif għandha tiġi applikata.

Il-proċess tal-għażla tal-awditur

Il-kumitati tal-awditjar huma responsabbli[50] għall-proċedura tal-għażla tal-awdituri statutorji. Madwar 87 % attwalment iddikjaraw li għamlu dan, filwaqt li 75% tal-entitajiet ta' interess pubbliku li ħarġu offerti stiednu minn żewġ sa seba' ditti tal-awditjar. Minkejja li l-Artikolu 16(2) tar-Regolament jeżiġi li tal-inqas żewġ ditti jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-proċess tal-offerti, 16 % stiednu lil ditta waħda biss biex tipparteċipa fil-proċess ta' s-sejħa għall-offerti.

Barra minn hekk, hemm korrelazzjoni bejn l-għadd ta' ditti tal-awditjar mistiedna biex jipparteċipaw f'offerta u l-għadd li finalment ippreżentaw offerta. Madwar 55 % tal-kumitati tal-awditjar irrapportaw li żewġ awdituri statutorji jew tlieta (ditti tal-awditjar) ġeneralment ippreżentaw offerta wara l-proċess ta' sejħa għall-offerti. Madankollu, analiżi tat-tweġibiet uriet li 19 % tal-kumitati tal-awditjar rċevew offerta kredibbli waħda biss.

Nofs il-kumitati tal-awditjar qalu li l-proċess tal-offerti jippermetti l-parteċipazzjoni fil-proċedura tal-għażla ta' ditti li, fis-sena kalendarja preċedenti, jkunu rċevew inqas minn

[48] Id-daqs tal-kampjun magħżul minn kull l-awtorità nazzjonali kompetenti jvarja sew madwar l-UE, meta mqabbel mal-għadd ta' entitajiet ta' interess pubbliku f'kull Stat Membru.

[49] L-Artikolu 39(6)(a) tad-Direttiva 2006/43/KE.

[50] L-Artikolu 16(3) tar-Regolament.

15 % tat-tariffi totali tagħhom mill-entitajiet ta' interess pubbliku fl-Istat Membru. Dawn il-kumitati tal-awditjar jistgħu ma jifhmux kompletament, jew jistgħu ma jkunux qed japplikaw, l-Artikolu 16(3) tar-Regolament.

Interazzjoni mal-awditur estern

Il-kumitati tal-awditjar huma responsabbli għar-rieżami tal-indipendenza tad-ditta tal-awditjar u l-kwalità tal-awditjar, inkluża l-approvazzjoni ta' servizzi mhux tal-awditjar permessi, is-sejħa għall-offerti u l-għażla tal-awditur estern[51]. Madwar nofshom ikkonfermaw li l-awditur statutorju (jew membru tan-network tiegħu) ippreżenta offerta għall-forniment ta' servizzi mhux tal-awditjar permessi[52]; 80 % qalu li ma kinux eżaminaw talbiet għall-forniment ta' servizzi mhux tal-awditjar skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament; 4 % ma mmonitorjawx it-tariffi mħallsa lill-awditur statutorju.

3. KONKLUŻJONIJIET

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-iżviluppi fis-suq għall-forniment tal-awditi statutorji ta' entitajiet ta' interess pubbliku bejn l-2015 u l-2018. Dawn jagħtu xi indikazzjonijiet preliminari dwar l-effetti tar-riforma tal-awditjar u jindikaw oqsma possibbli għal valutazzjoni ulterjuri. Jenħtieġ li tali valutazzjoni tqis l-iskandli reċenti li kienu jinvolvu entitajiet korporattivi ta' profil għoli madwar l-UE (eż. Carillion, Thomas Cook u Wirecard), li jistgħu jipperikolaw ir-reputazzjoni tal-professjoni tal-awditjar u l-fiduċja tal-investituri.

Il-konstatazzjonijiet ewlenin ta' dan ir-rapport huma kif ġej:

1) ***Konċentrazzjoni għolja persistenti, peress li l-Big Four għadhom jiddominaw is-suq tal-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri***

   Id-dominanza tal-Big Four fil-maġġoranza tal-Istati Membri, flimkien mal-proporzjon għoli ta' dħul minn xogħol mhux tal-awditjar, jistgħu jaffettwaw l-indipendenza tagħhom, il-livell tat-tariffi tal-awditjar u l-kwalità tal-awditjar. Ir-riskju huwa aggravat mill-miżuri ta' rimedju biex jittaffew il-kunflitti ta' interess tad-ditti tal-awditjar fir-rigward tal-entitajiet ta' interess pubbliku (eż. rekwiżit ta' rotazzjoni, servizzi mhux tal-awditjar ipprojbiti, limitu massimu fuq servizzi mhux tal-awditjar permessi, eċċ.), li jistgħu jkomplu jirrestrinġu l-għażla tal-awdituri statutorji jew tad-ditti tal-awditjar ta' entitajiet ta' interess pubbliku fis-suq.

   Il-Kummissjoni għalhekk se tagħti attenzjoni partikolari għall-monitoraġġ, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u s-CEAOB, ta' kif ir-regoli l-ġodda qed jinfluwenzaw il-kompetizzjoni fis-suq għall-awditi ta' entitajiet ta' interess pubbliku. Barra minn hekk, se tivvaluta kif l-opzjonijiet skont ir-Regolament jaffettwaw is-swieq nazzjonali u l-kundizzjonijiet ekwi tal-UE.

   L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma mħeġġa jagħlqu l-lakuni fid-*data* (eż. dwar id-dħul iġġenerat mis-servizzi mhux tal-awditjar, eċċ.) biex itejbu l-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq u l-analiżi tal-konċentrazzjoni.

2) ***Il-valutazzjoni tan-nuqqasijiet fil-kwalità għadha diffiċli***

[51] L-Artikolu 4(2) tar-Regolament; l-Artikolu 39(6)(e) tad-Direttiva 2006/43/KE; l-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolament.

[52] L-Artikolu 5(4) tar-Regolament.

Il-kwistjonijiet ta' kwalità li jirriżultaw l-aktar ta' spiss fil-livell tal-UE għadhom:

- in-nuqqasijiet fis-sistemi interni ta' kontroll tal-kwalità tad-ditti tal-awditjar;
- in-nuqqas ta' monitoraġġ jew monitoraġġ mhux xieraq ta' entitajiet b'riskju għoli awditjati; kif ukoll
- in-nuqqas ta' evidenza għall-awditjar u dokumentazzjoni tal-awditjar.

Sabiex titjieb il-kwalità tal-valutazzjonijiet, dan jista' jgħin biex tissaħħaħ il-konverġenza għall-industrija tal-awditjar fl-UE fir-rigward tat-tipi ta' azzjoni superviżorja, il-miżuri ta' segwitu rimedjali u s-sanzjonijiet imposti.

Wara dawn il-konstatazzjonijiet, il-Kummissjoni se tevalwa l-leġiżlazzjoni tal-awditjar tal-UE u se tivvaluta l-modi possibbli biex ittejjeb il-konsistenza tal-arranġamenti tal-garanzija tal-kwalità u tal-investigazzjoni u tas-sanzjonijiet madwar l-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll il-ħtieġa li r-rapporti ta' spezzjoni (inkluża deskrizzjoni tax-xogħol li jkun sar bħala parti mill-ispezzjoni) isiru aktar aċċessibbli għall-pubbliku, jew tal-anqas għall-kumitati tal-awditjar. Dan jista' jinvolvi li r-rapporti jiġu diġitalizzati jew ittaggjati aktar biex jiġi ffaċilitat l-aċċess.

Il-kategorizzazzjoni predefinita tal-konstatazzjonijiet użati għall-indikaturi tal-garanzija tal-kwalità fit-tieni rapport tejbet il-valutazzjoni tad-*data* li pprovdew l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Madankollu, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jagħmlu aktar biex:

- jiggarantixxu konverġenza fl-interpretazzjoni tal-konstatazzjonijiet u tal-kategoriji;
- jidentifikaw indikaturi effettivi tal-kwalità biex jitjieb il-kejl tal-kwalità tal-awditjar; kif ukoll
- itejbu l-evalwazzjoni u l-interpretazzjoni tar-riskju sistemiku.

Ir-rapport jikkonferma li l-istess kwistjonijiet jitfaċċaw ripetutament u għalhekk jidhru li huma strutturali. Il-Kummissjoni se tikkoordina mas-CEAOB biex tidentifika miżuri għat-titjib tas-sitwazzjoni.

3) Approċċi differenti għall-monitoraġġ madwar l-UE huma problematiċi għall-valutazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-prestazzjoni tal-kumitati tal-awditjar

Il-biċċa l-kbira tas-superviżuri tal-awditjar ħadmu mal-kumitati tal-awditjar fil-ġuriżdizzjoni tagħhom. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tejbu l-għarfien tagħhom tal-ħidma tal-kumitati tal-awditjar, speċjalment permezz tal-kwestjonarju tas-CEAOB, li kien ibbażat fuq l-awtovalutazzjoni. Madankollu, dan ipprovda biss għarfien limitat dwar il-prestazzjoni tal-kumitati tal-awditjar.

Il-Kummissjoni se tivvaluta modi possibbli biex ittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jissorveljaw il-kumitati tal-awditjar. Se tanalizza wkoll kif jista' jissaħħaħ ir-rwol indipendenti tal-kumitati tal-awditjar fil-proċess tal-għażla u s-sorveljanza tal-awditur. Diġa qed taħdem mas-CEAOB biex tiffaċilita d-djalogu bejn il-kumitati tal-awditjar u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' seminars jew konferenzi. Se tevalwa kif tista' tiġi ffaċilitata aktar din l-interazzjoni.

Sabiex tiġi ffaċilitata valutazzjoni aktar dettaljata tal-funzjonament u l-effettività tal-kumitati tal-awditjar, huwa rakkomandat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

jikkomunikaw aktar mal-kumitati tal-awditjar fil-livell nazzjonali u jiżviluppaw il-fehim tagħhom ta' kif il-kumitati tal-awditjar joperaw u jieħdu d-deċiżjonijiet.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja x'qed jiġri fis-suq. Xi awtoritajiet nazzjonali kompetenti qed iniedu studji u analiżijiet fis-swieq tal-awditjar nazzjonali tagħhom biex jiġbru aktar informazzjoni dwar dgħufijiet possibbli fis-suq. Peress li xi wħud mill-kwistjonijiet identifikati fir-rapport jistgħu jkunu ta' rilevanza għall-każ ta' Wirecard, il-Kummissjoni se tiddiskuti mas-CEAOB liema lezzjonijiet jeħtieġ li jittieħdu fid-dawl ta' dan il-każ.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nediet studju biex tivvaluta l-effetti tal-leġiżlazzjoni tal-awditjar tal-UE fuq is-suq tal-awditjar statutorju. Ir-riżultati tal-istudju u ta' dan ir-rapport se jikkontribwixxu għal evalwazzjoni tal-qafas tal-awditjar tal-UE, biex tiġi analizzata l-effettività tiegħu fit-titjib tat-trasparenza, il-kwalità tal-awditjar u l-kompetizzjoni fis-suq tal-awditjar, b'mod partikolari għall-entitajiet ta' interess pubbliku. L-evalwazzjoni se teżamina wkoll l-effetti tal-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tal-awditjar.